



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 14 ta' Frar 2018  
(OR. en)

6170/18

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2018/0030 (NLE)**

---

**ECO 15**  
**ENT 23**  
**MI 86**  
**UNECE 1**

## PROPOSTA

|                   |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                               |
|-------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:             | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,<br>iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                               |
| data meta waslet: | 14 ta' Frar 2018                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                              |
| lil:              | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                           |
| Nru dok. Cion:    | COM(2018) 69 final                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                            |
| Suġġett:          | Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitati rilevanti tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa fir-rigward tal-proposti għall-emendi tar-Regolamenti tan-NU Nri 6, 13, 13-H, 30, 37, 41, 43, 46, 51, 67, 79, 90, 107, 110, 118, 121, 122, 128, 140 u 142, tar-Riżoluzzjonijiet Konsolidati R.E.3 u R.E.5 u tar-Riżoluzzjoni Reċiproka M.R.1 fir-rigward ta' proposta għal Regolament Tekniku Globali tan-NU ġdid uniku |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 69 final.

Mehmuż: COM(2018) 69 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 14.2.2018  
COM(2018) 69 final

2018/0030 (NLE)

Proposta għal

### **DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitati rilevanti tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa fir-rigward tal-proposti għall-emendi tar-Regolamenti tan-NU Nri 6, 13, 13-H, 30, 37, 41, 43, 46, 51, 67, 79, 90, 107, 110, 118, 121, 122, 128, 140 u 142, tar-Riżoluzzjonijiet Konsolidati R.E.3 u R.E.5 u tar-Riżoluzzjoni Reċiproka M.R.1 fir-rigward ta' proposta għal Regolament Tekniku Globali tan-NU ġdid uniku**

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

### **1. KUNTEST TAL-PROPOSTA**

#### **• Raġunijiet u għanijiet tal-proposta**

Fil-livell internazzjonali, il-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) tiżviluppa rekwiżiti armonizzati, bil-ħsieb li jneħħu l-ostakli tekniċi fil-kummerċ tal-vetturi bil-mutur bejn il-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim Rivedut tal-1958 u biex jiżguraw li vetturi bħal dawn joffru livell għoli ta' sikurezza u ta' protezzjoni ambjentali.

B'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE tas-27 ta' Novembru 1997, l-Unjoni ssieħbet fil-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti ("NU/KEE") li jikkonċerna l-adozzjoni tal-preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għal vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet li jistgħu jkunu ffittjati u/jew ikunu użati ma' vetturi bir-roti u l-kundizzjonijiet għar-rikonoxximent reċiproku tal-approvazzjonijiet mogħtija fuq il-bażi ta' dawn il-preskrizzjonijiet ("Ftehim Rivedut tal-1958"), u b'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/125/KE tal-31 ta' Jannar 2000 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim li jistabbilixxi Regolamenti Tekniċi Globali għal vetturi bir-roti, apparat u partijiet li jistgħu jitwāħħlu u/jew jintużaw f'vetturi bir-roti ("Ftehim Parallel"), l-Unjoni ssieħbet fil-Ftehim Parallel.

Il-laqgħat tal-WP.29 tan-NU/KEE, jiġifieri l-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti dwar il-Vetturi, isiru tliet darbiet fis-sena, f'Marzu, f'Ġunju u f'Novembru ta' kull sena kalendarja. F'kull sessjoni tal-laqgħat, jiġu adottati Regolamenti ġodda tan-NU, Regolamenti Tekniċi Globali ġodda tan-NU (UN GTRs) u/jew emendi tar-Regolamenti tan-NU jew tar-Regolamenti Tekniċi Globali tan-NU (UN GTRs) eżistenti, biex ikun jista' jsir progress tekniku. Qabel kull laqgħa tal-WP.29, dawn l-emendi jiġu adottati minn wieħed mis-sitt gruppi ta' ħidma (GRs) li huma attivi fil-WP.29.

Sussegwentement, f'laqgħa tal-WP.29 jittieħed il-vot finali għall-adozzjoni tal-emendi, is-supplimenti u r-rettifiki, sakemm jintlaħaq il-kworum u jkun hemm maġġoranza kwalifikata fost il-partijiet kontraenti. L-UE hija parti kontraenti għal żewġ Ftehimiet (il-Ftehimiet tal-1958 u tal-1998) fil-WP.29. Kull darba titħejja Deċiżjoni tal-Kunsill imsejħa l-"megadeċiżjoni", li tħaddan fiha l-lista ta' Regolamenti, emendi, supplimenti u rettifiki, u tawtorizza lill-Kummissjoni tivvota f'isem l-Unjoni f'kull laqgħa tal-WP.29.

Din id-Deċiżjoni tal-Kunsill tiddefinixxi l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-votazzjoni dwar ir-Regolamenti, l-emendi, is-supplimenti u r-rettifiki sottomessi għall-votazzjoni fil-laqgħa tad-WP.29 ta' Marzu 2018, li se ssir bejn it-12 u s-16 ta' Marzu 2018.

#### **• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Din il-proposta tikkumplimenta u hija totalment konformi mal-politika tas-suq intern tal-Unjoni fir-rigward tal-industrija tal-karozzi.

Is-sistema tal-WP.29 issaħħaħ l-armonizzazzjoni internazzjonali tal-istandards tal-vetturi. Il-Ftehim tal-1958 għandu rwol importanti f'dan l-għan għaliex il-manifatturi tal-UE jistgħu joperaw b'sett komuni ta' Regolamenti tal-approvazzjoni tat-tip bl-għarfien li l-prodott se jkun rikonoxxut mill-Partijiet Kontraenti bħala konformi mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom. Pereżempju, din l-iskema ppermettiet li r-Regolament (KE) Nru 661/2009 dwar is-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur iħassar aktar minn ħamsin (50) Direttiva tal-UE u jissostitwihom bir-Regolamenti korrispondenti żviluppati skont il-Ftehim tal-1958.

Ittieħed approċċ simili bid-Direttiva 2007/46/KE, li ssostitwiet is-sistemi tal-approvazzjoni tal-Istati Membri bi proċedura tal-approvazzjoni tal-Unjoni, u stabbiliet qafas armonizzat li fih id-dispożizzjonijiet amministrattivi u r-rekwiżiti tekniċi ġenerali għall-vetturi, għas-

sistemi, għall-komponenti u għall-unitajiet tekniċi separati ġodda kollha. Dik id-Direttiva inkorporat ir-Regolamenti tan-NU fis-sistema tal-UE tal-approvazzjoni tat-tip, bħala rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip jew bħala alternattivi għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Mill-adozzjoni ta' dik id-Direttiva, ir-Regolamenti tan-NU ġew inkorporati dejjem aktar fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qafas tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Is-sistema tal-WP.29 hija marbuta mal-politika tal-Unjoni dwar il-kompetittività, li fuqha din l-inizjattiva għandha impatt pożittiv. Din il-proposta hija konsistenti wkoll mal-politiki tal-Unjoni għat-trasport u l-enerġija, li jitqiesu sew fil-proċess għall-abbozzar u l-adozzjoni tar-Regolamenti tan-NU li jaqgħu taħt il-Ftehim tal-1958.

## **2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu, jiffurmaw il-bażi ġuridika ta' din il-proposta.

- **Sussidjarjetà**

L-Unjoni biss tista' tivvota favur strumenti internazzjonali bħall-proposti għal Regolamenti tan-NU, l-emendi tar-Regolamenti tan-NU u l-abbozzi tar-Regolamenti Tekniċi Globali u tinkorporahom fis-sistema tal-Unjoni tal-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi bil-mutur. Dan mhux talli jipprevjeni l-frammentazzjoni tas-suq intern, iżda jiżgura wkoll standards ambjentali u tas-sikurezza uguali madwar l-Unjoni. Joffri wkoll vantaġġi tal-ekonomiji ta' skala: il-prodotti jistgħu jsiru għas-suq kollu tal-Unjoni u anki għas-suq internazzjonali, minflok ma jiġu manifatturati speċifikament biex tinkiseb l-approvazzjoni nazzjonali tat-tip għal kull Stat Membru.

Għaldaqstant, din il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

- **Proporzjonalità**

Din id-Deċiżjoni tal-Kunsill tawtorizza lill-Kummissjoni biex tivvota f'isem l-Unjoni u hija l-istrument proporzjonat skont l-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE sabiex tiġi ddefinita pożizzjoni unifikata tal-UE fin-NU/KEE fir-rigward tal-votazzjoni dwar id-dokumenti ta' ħidma proposti fl-aġenda tal-laqgħa tal-WP.29. Għaldaqstant, din il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità għaliex ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet li jiġi żgurat il-funzjonament kif suppost tas-suq intern, filwaqt li fl-istess ħin tipprovdi għal livell għoli ta' sikurezza u protezzjoni pubbliċi.

- **Għażla tal-istrument**

L-użu ta' Deċiżjoni tal-Kunsill huwa meħtieġ skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE sabiex jiġu stabbiliti l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'korp stabbilit permezz ta' ftehim internazzjonali.

## **3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Mhux applikabbli.

- **Ġbir u użu tal-kompetenzi**

L-għarfien espert estern mhuwiex rilevanti fil-każ ta' din il-proposta. Madankollu din ġiet eżaminata mill-Kumitat Tekniku dwar il-Vetturi bil-Mutur.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Din il-proposta ma tistax tkun soġġetta għal valutazzjoni tal-impatt peress li mhix ta' natura leġiżlattiva u l-ebda għażla ta' politika alternattiva mhi disponibbli jew possibbli.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

F'termini ta' piż amministrattiv, l-inizjattiva ma għandhiex riperkussjonijiet, għaliex ir-referenzi tal-emenda annessi ma' din il-megadeċiżjoni mhux se jintroduċu rappurtar ġdid jew obbligi amministrattivi oħra għall-intrapriżi, inklużi l-SMEs. Anzi, it-tnaqqis tal-piż amministrattiv huwa fil-mira għaliex l-applikazzjoni ta' rekwiżiti armonizzati fil-livell globali tippermetti lill-manifatturi jippreżentaw dokumentazzjoni tal-approvazzjoni ta' sistemi u komponenti mhux biss fl-UE iżda anki fis-swieq tal-esportazzjoni minn Partijiet Kontraenti għall-Ftehim tal-1958 barra mill-UE.

Il-proposta għandha impatt tassew pożittiv fuq il-kompetittività u l-kummerċ internazzjonali tal-karozzi tal-UE. L-aċċettazzjoni ta' regolamenti tal-vetturi armonizzati internazzjonalment mis-sħab kummerċjali tal-UE hija rikonoxxuta bħala l-aqwa mod kif jitneħħew ostakli mhux tariffarji għall-kummerċ u biex jinfetħ u jitwessa' l-aċċess għas-suq għall-intrapriżi tal-karozzi tal-UE.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta ma għandhiex konsegwenzi għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali.

#### **4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI**

Din l-inizjattiva ma għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit.

#### **5. ELEMENTI OĦRA**

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Mhux applikabbli.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-proposta tiddefinixxi l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-votazzjoni dwar:

- il-proposti għall-emendi tar-Regolamenti tan-NU Nri 6, 13, 13-H, 30, 37, 41, 43, 46, 51, 67, 79, 90, 107, 110, 118, 121, 122, 128, 140 u 142;
- proposta għal Regolament Tekniku Globali tan-NU ġdid dwar is-Sikurezza tal-Vetturi Elettriċi (EVS);
- il-proposti għall-emendi tar-Riżoluzzjonijiet Konsolidati R.E.3 u R.E.5; u
- proposta għall-emenda tar-Riżoluzzjoni Reċiproka M.R.1.

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitati relevanti tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa fir-rigward tal-proposti għall-emendi tar-Regolamenti tan-NU Nri 6, 13, 13-H, 30, 37, 41, 43, 46, 51, 67, 79, 90, 107, 110, 118, 121, 122, 128, 140 u 142, tar-Riżoluzzjonijiet Konsolidati R.E.3 u R.E.5 u tar-Riżoluzzjoni Reċiproka M.R.1 fir-rigward ta' proposta għal Regolament Tekniku Globali tan-NU ġdid uniku**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 114, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE<sup>1</sup>, l-Unjoni ssieħbet fil-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) li jikkonċerna l-adozzjoni tal-preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għal vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet li jistgħu jkunu ffittjati u/jew ikunu użati ma' vetturi bir-roti u l-kundizzjonijiet għar-rikonossiment reċiproku tal-approvazzjonijiet mogħtija fuq il-bażi ta' daww il-preskrizzjonijiet ("Ftehim Rivedut tal-1958").
- (2) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/125/KE<sup>2</sup>, l-Unjoni ssieħbet mal-Ftehim li jistabbilixxi regolamenti tekniċi globali għal vetturi bir-roti, apparat u partijiet li jistgħu jitwāhħlu u/jew jintużaw f'vetturi bir-roti ("Ftehim Parallel").
- (3) Id-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>3</sup> issostitwiet is-sistemi tal-approvazzjoni tal-Istati Membri bi proċedura tal-approvazzjoni tal-Unjoni, u stabbiliet qafas armonizzat li fih id-dispożizzjonijiet amministrattivi u r-reqwiżiti tekniċi ġenerali għall-vetturi, għas-sistemi, għall-komponenti u għall-unitajiet tekniċi separati ġodda kollha. Dik id-Direttiva inkorporat Regolamenti tan-NU adottati skont il-Ftehim Rivedut tal-1958 ("ir-Regolamenti tan-NU") fis-sistema tal-UE tal-approvazzjoni tat-tip, jew bħala rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip jew bħala

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE tas-27 ta' Novembru 1997 bil-għan tal-adeżjoni tal-Komunità Ewropea mal-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa li jikkonċerna l-adozzjoni tal-preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet liema jistgħu jkunu ffittjati u/jew ikunu użati ma' vetturi bir-roti u l-kundizzjonijiet għar-rikonossiment reċiproku tal-approvazzjonijiet mogħtija fuq il-bażi ta' dawn il-preskrizzjonijiet ("Ftehim Rivedut tal-1958") (ĠU L 346, 17.12.1997, p. 78).

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/125/KE tal-31 ta' Jannar 2000 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim li jistabbilixxi regolamenti tekniċi globali għall-vetturi bir-roti, apparat u partijiet li jistgħu jitwāhħlu u/jew jintużaw f'vetturi bir-roti ("Ftehim Parallel") (ĠU L 35, 10.2.2000, p. 12).

<sup>3</sup> Id-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi (Direttiva Kwadru) (ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1).

alternattivi għal-leġislazzjoni tal-Unjoni. Mill-adozzjoni tad-Direttiva 2007/46/KE, ir-Regolamenti tan-NU ġew inkorporati dejjem aktar fil-leġislazzjoni tal-Unjoni.

- (4) Fid-dawl tal-esperjenza u tal-iżviluppi tekniċi, jeħtieġ li jiġu adattati r-rekwiżiti relatati ma' ċerti elementi jew karatteristiċi koperti bir-Regolamenti tan-NU Nri 6, 13, 13-H, 30, 37, 41, 43, 46, 51, 67, 79, 90, 107, 110, 118, 121, 122, 128, 140 u 142.
- (5) Sabiex jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet uniformi dwar is-Sikurezza tal-Vetturi Elettriċi, jeħtieġ li tiġi adottata l-proposta għal Regolament Tekniku Globali tan-NU (GTR).
- (6) Biex jiġi allinjat l-użu tal-unitajiet fir-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi ("R.E.3") mas-sistema internazzjonali, SI, u biex tinkiseb l-uniformità fl-indikazzjoni tal-unitajiet ta' kejl għall-massa tal-vetturi tal-kategorija L, M, N u O fir-R.E.3 u bejn ir-R.E.3 u l-Konvenzjoni dwar it-Traffiku fit-Toroq tal-1968, jeħtieġ li tiġi adottata l-proposta għal emenda tal-R.E.3.
- (7) Sabiex jiġu kkoreġuti u emendati xi dettalji tal-ispeċifikazzjonijiet tal-kategorija tas-sors tad-dawl u biex tiġi introdotta kategorija ġdida tas-sors tad-dawl ta' tidwil 'il quddiem b'djodu li jemetti d-dawl (LED) fir-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar l-ispeċifikazzjoni komuni tal-kategoriji tas-sors tad-dawl ("R.E.5"), jeħtieġ li jiġu adottati l-proposti għal emendi tal-R.E.5.
- (8) Biex jiġu aġġornati r-referenzi għall-istandards ISO fir-Riżoluzzjoni Reċiproka 1 tal-Ftehimiet tal-1958 u tal-1998 ("M.R.1"), jeħtieġ li tiġi adottata l-proposta għal emenda tal-M.R.1.
- (9) Għaldaqstant, huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Amministrattiv tal-Ftehim Rivedut tal-1958 u fil-Kumitat Eżekuttiv tal-Ftehim Parallel fir-rigward tal-adozzjoni ta' daww il-proposti.
- (10) F'daww il-Kumitati, l-Unjoni trid tiġi rappreżentata mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 17(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### *Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Amministrattiv tal-Ftehim Rivedut tal-1958 u fil-Kumitat Eżekuttiv tal-Ftehim Parallel matul il-perjodu mit-12 sas-16 ta' Marzu 2018 għandha tkun ta' vot favur il-proposti elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

#### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*